MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 385/2000/1

**Worldwide Airlines Representatives Limited**

**vs**

**Louie R Naudi, Mario Salerno u Emmanuel Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u sebghin Lira Maltin (Lm470.00) rapprezentanti prezz ta’ biljetti ta’ l-ajru pprovduti mis-socjeta’ attrici fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mario Salerno u Emmanuel Grech a fol 11 u fol 12 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut Louie R. Naudi jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut Louie R Naudi naqas u ma deherx fis-16 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli, fid-29 ta' April 2002 u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni, presentata u moqrija illum stess "seduta stante" u li biha s-socjeta attrici cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti, Mario Salerno u Emmanuel Grech;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront tal-konvenuti, Mario Salerno u Emmanuel Grech tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Louie R. Naudi sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm470.00,0 bl-imghax legali mill-hamsa (5) ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------